# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 40/1992 PC**

**Joseph Grima**

**vs**

**Frank Attard sia f'ismu proprju kif ukoll okkorrendo bħala Direttur għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija "ABBA Properties Limited"; u b'digriet tat-tlettax (13) ta' Frar 2008, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Janette mart Johnny Agius, Miguel Attard, Cornelia mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Hili minflok Frank Attard li miet fil-mori tal-kawża.**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta:

Illi l-attur kien ġie inkarigat minnek konvenut jagħmel xogħol ta' tikħil, tpoġġija ta' madum, brix, u xogħol ieħor affini f'villa illi inti l-konvenut kont qed tibni fil-limiti tal-Munxar, Għawdex;

Illi infatti l-attur lesta ħafna minn dan ix-xogħol sakemm imbagħad inqalgħu xi vertenzi bejnitkom kontendenti u l-appalt ġie terminat;

Illi l-attur għad fadallu jitħallas ta' dan ix-xogħol somma indeterminata stante illi għalkemm hu interpella lilek konvenut diversi drabi sabiex tmorru flimkien tkejlu x-xogħol fil-preżenza ta' perit, inti konvenut dejjem irrifjutajt. Talab lill-konvenut proprio et nomine jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tillikwida, okkorrendo ad opera ta' perit nominand, l-ammont ġust illi l-attur għandu jitħallas mingħandek tax-xogħol magħmul minnu kif fuq ingħad fuq ordni u għal benefiċċju tiegħek fil-villa fil-limiti ta' Munxar, Għawdex;

2. Tikkundannak tħallas lill-attur dan l-ammont kif hekk likwiedat;

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Lulju 1992, kontra tiegħek.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Bl-interessi legali fuq is-somma dovuta lill-attur sad-data tal-effettiv pagament.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-attur, konfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat in-Nota tal-Eċċezzonijiet tal-konvenut proprio et nomine li biha eċċepixxa:

1. Illi s-soċjeta' "ABBA Properties Limited", għandha tiġi lliberata mit-talbiet attriċi, in kwantu din ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur;

2. Illi in kwantu jirrigwarda lill-konvenut Frank Attard proprio, it-talbiet attriċi huma ntempestivi u dan għaliex l-attur abbanduna x-xogħol u l-konvenut kien kostrett li wara ż-żmien li fih kellu jitlesta x-xogħol mill-attur, jinkariga lil ħaddieħor ikompli x-xogħol li kellu jsir mill-attur, u l-kontijiet għadhom ma ġewx iffinalizzati;

3. Illi oltre dan, ħafna mix-xogħol magħmul mill-attur, kellu jerġa' jsir mill-ġdid, billi dan ma kienx ta' kwalita' tajba;

4. Illi inoltre, l-unika raġuni għaliex l-attur abbanduna x-xogħol, kienet għaliex kellu kwistjoni ma' sid il-proprjeta' fejn kien qed jaħdem.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt, u bir-riserva ta' kull jedd għad-danni spettanti lill-konvenut fil-konfront tal-attur.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament ta' Frank Attard.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju 1993 fejn innominat lill-A.I.C. Albert Cauchi bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar 2000 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Cauchi bl-A.I.C. Edward Xerri fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Jannar 2010 fejn issostitwiet lill-A.I.C. Xerri bl-A.I.C. Alex Bigeni fl-istess inkarigu.

Rat ir-relazzjoni tal-A.I.C. Alex Bigeni tal-24 ta' Ġunju 2013 minnu maħlufa fl-14 ta' Mejju 2014.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2014 li bih il-proċess ġie rimess lill-perit tekniku sabiex jieħu konjizzjoni tar-rati li kienu ġew miftehma mill-partijiet.

Rat ir-relazjoni addizzjonali tal-istess perit tekniku tal-11 ta' Novembru 2015, minnu maħlufa fit-13 ta' Mejju 2016.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed ifittex li jitħallas għal xogħol li għamel fil-proprjeta' illum tal-konvenuti ulied Frank Attard li miet fil-mori tal-kawża. Ma ġietx indikata somma speċifika, u l-attur talab li l-ammont dovut jiġi likwidat mill-Qorti.

Mhux innegat li l-istess konvenut kien ta kuntratt ta' appalt lill-attur sabiex jagħmillu xogħol ta' tqegħid ta' madum, kisi ta' ħitan u soqfa u xogħol ieħor anċillari f'villa li dan kellu fil-Munxar, Għawdex. Il-konvenut ilmenta pero' li kien l-attur li qabad u abbanduna x-xogħol minħabba xi disgwid li kellu miegħu. Allega wkoll li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

Preliminarjament il-konvenut nomine eċċepixxa li s-soċjeta' konvenuta "Abba Properties Limited" ġiet imħarrka inutilment, billi din m'għandha l-ebda rleazzjoni ġuridika mal-attur. Imkien fil-ġbir tal-provi ma rriżulta li din il-kumpanija kellha x'taqsam mal-appalt mogħti lill-attur, u għalhekk din l-eċċezzjoni tirriżulta ġustifikata, bil-konsegwenza li l-istess konvenut nomine ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fil-mertu mbagħad mill-konklużjonijiet peritali jirriżulta li fl-ewwel rapport tiegħu, il-perit illikwida s-somma ta' €9129.30ċ bħala li kienet dovuta lill-attur għax-xogħol li għamel fuq inkarigu tal-konvenut Frank Attard.[1] In segwitu għax-xiehda li ta in eskussjoni,[2] u peress li rriżulta li l-perit tekniku ma kienx ħa konsiderazzjoni tar-rati li kienu ġew miftehma bejn il-partijiet meta kien ingħata dan l-appalt, il-proċess ġie rimess lilu sabiex jirrevedi r-

[1] Ara rapport a fol. 115 -122 tal-proċess
[2] A fol. 135 -136 tal-proċess

rapport tiegħu fid-dawl ta' dawn ir-rati. Mir-rapport addizzjonali tal-perit tekniku jirriżulta li l-ammont realment dovut lil-attur, meta jittieħdu in konsiderazzjoni r-rati maqbula bejn il-partijiet, kellu jkun ta' €9978.74ċ.[3] Ma tressqu ebda provi dwar l-allegazzjoni li x-xogħol jew xi partijiet minnu ma kienux skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk il-perit lanqas daħal f'din il-kwistjoni. Mill-bqija din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex taddotta l-konklużjonijiet peritali kif riveduti, u tagħmilhom tagħha.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut nomine u tillibera lis-soċjeta' "Abba Properties Limited" mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra l-attur, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet attriċi sa fejn diretti kontra l-konvenut proprio, u:

1. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur għax-xogħol magħmul minnu fuq ordni ta' u a benefiċċju tal-konvenut proprio fil-villa tiegħu fil-limiti tal-Munxar, Għawdex, fis-somma ta' disat elef disa' mija tmienja u sebgħin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€9978.74ċ); u

2. Tikkundanna lill-konvenuti propio sabiex iħallasu dan l-ammont lill-attur.

Bl-ispejjeż l-oħra kontra l-konvenuti proprio.

Billi s-somma dovuta ġiet likwidata biss permezz ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet dovuti jkunu kkalkulati biss mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[3] Ara rapport addizzjonali a fol. 144 -148